**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0421/2023**

8.12.2023

# RAPPORT

dwar it-tiswir tal-pożizzjoni tal-UE dwar l-istrument vinkolanti tan-NU rigward l-intrapriżi u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari rigward l-aċċess għal rimedju u l-protezzjoni tal-vittmi
(2023/2108(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Heidi Hautala

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ...............................................................................................13

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM ...............................................................................................15

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP ..................................................16

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ................22

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......23

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar it-tiswir tal-pożizzjoni tal-UE dwar l-istrument vinkolanti tan-NU rigward l-intrapriżi u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari rigward l-aċċess għal rimedju u l-protezzjoni tal-vittmi**
**(2023/2108(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 8, 21 u 23 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU (UNGPs) dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, adottati mir-Riżoluzzjoni 17/4 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tas-16 ta' Ġunju 2011,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU 26/9 tas-26 ta' Ġunju 2014,

– wara li kkunsidra l-abbozz aġġornat ta' strument legalment vinkolanti ċċirkolat mill-President-Rapporteur tal-Grupp ta' Ħidma Intergovernattiv miftuħ (OEIGWG) fil-31 ta' Lulju 2023 u t-tielet abbozz rivedut tiegħu li jirriżulta mit-tmien sessjoni,

– wara li kkunsidrat il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 76/300 tat-28 ta' Lulju 2022 dwar id-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għall-Intrapriżi Multinazzjonali dwar Imġiba Responsabbli fin-Negozju,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem fl-Afrika tal-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tas-7 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tal-10 ta' April 2017 bit-titolu "Titjib tal-aċċess għal rimedju fil-qasam tan-negozju u d-drittijiet tal-bniedem fil-livell tal-UE"[1] u r-rapport tagħha tas-6 ta' Ottubru 2020 bit-titlu "Negozju u Bniedem, Drittijiet – Aċċess għal Rimedju"[2],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2023 dwar il-prijoritajiet

[1] Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, "Improving access to remedy in the area of business and human rights at the EU level" (It-titjib tal-aċċess għal rimedju fil-qasam tan-negozju u d-drittijiet tal-bniedem fil-livell tal-UE), 2017.
[2] Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, "Business And Human Rights – Access To Remedy" (Negozju u Drittijiet tal-Bniedem – Aċċess għal Rimedju), 2020.

tal-UE fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-2023,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar ir-responsabbiltà korporattiva għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2018 dwar il-kontribut tal-UE għal Strument vinkolanti tan-NU dwar korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra b'karatteristiċi transnazzjonali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2023 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2022[5], u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar rapporti annwali preċedenti,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0421/2023),

A. billi l-UE hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-azzjonijiet tagħha fix-xena internazzjonali jridu jkunu ggwidati minn dawk il-prinċipji u jkunu konsistenti mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, kif minqux fl-Artikolu 208 tat-Trattat ta' Lizbona;

B. billi l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-prinċipju "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" jimplikaw li l-iżvilupp ekonomiku jimxi id f'id mal-ġustizzja soċjali, il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

C. billi l-intrapriżi kummerċjali huma atturi ewlenin fil-globalizzazzjoni ekonomika, fis-servizzi finanzjarji u fil-kummerċ internazzjonali, u huma meħtieġa jikkonformaw mal-liġijiet applikabbli u t-trattati internazzjonali kollha u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem. billi l-intrapriżi kummerċjali jistgħu jikkawżaw impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem, jikkontribwixxu għalihom jew ikunu direttament marbuta magħhom, bħall-iskjavitù moderna, it-traffikar tal-bnedmin, ix-xogħol furzat, it-tħaddim tat-tfal u forom oħra ta' sfruttament tax-xogħol, l-ispostament tal-art, il-pagi tal-faqar u l-ksur kontra l-unjoni, kif ukoll impatti negattivi fuq l-ambjent, inklużi t-tniġġis, it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u t-telf tal-bijodiversità;

D. billi l-korporazzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku, u għalhekk jista' jkollhom rwol importanti fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istandards ambjentali, kif ukoll fil-prevenzjoni ta' impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent;

E. billi d-drittijiet tal-intrapriżi kummerċjali u tal-investituri għandhom ikunu akkumpanjati minn obbligi vinkolanti u infurzabbli f'termini ta' konformità mad-

[3] ĠU C 215, 19.6.2018, p. 125.
[4] ĠU C 11, 13.1.2020, p. 36.
[5] ĠU C 214, 16.6.2023, p. 77.

drittijiet tal-bniedem, il-liġi tax-xogħol u l-liġi ambjentali;

F. billi l-vittmi ta' abbuż korporattiv spiss jiffaċċjaw ostakli multipli u li jikkoinċidu fl-aċċess għar-rimedji, inklużi rimedji ġudizzjarji u garanziji ta' nonrepetizzjoni; billi dawn l-ostakli huma saħansitra aktar severi għal persuni jew gruppi vulnerabbli jew emarġinati; billi l-impunità għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn xi intrapriżi kummerċjali għadha fil-biċċa l-kbira mhux indirizzata fin-nuqqas ta' qafas regolatorju robust u komprensiv u allinjament fil-livell globali u reġjonali;

G. billi l-abbużi tad-drittijiet tal-ħaddiema mill-kumpaniji qed jiżdiedu madwar id-dinja u li skont l-Indiċi tad-Drittijiet Globali tal-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trade Unions, li rrapporta li 113-il pajjiż jeskludu lill-ħaddiema mid-dritt tagħhom li jistabbilixxu jew jingħaqdu ma' trade union, żieda minn 106 fl-2021 għal 113; billi 87 % tal-pajjiżi kisru d-dritt tal-istrajkjar u erbgħa kull minn ħames pajjiżi mblukkaw in-negozjar kollettiv;

H. billi l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UNHRC) adotta riżoluzzjoni fis-26 ta' Ġunju 2014 li stabbilixxa grupp ta' ħidma intergovernattiv miftuħ (OEIGWG) biex jiżviluppa strument internazzjonali legalment vinkolanti (LBI) "biex jirregola, fil-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivitajiet ta' korporazzjonijiet tranżnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra";

I. billi l-OEIGWG, li ilu ppresedut mill-Ekwador mill-bidu tiegħu, sal-lum kellu disa' sessjonijiet u għadd ta' konsultazzjonijiet reġjonali u oħrajn mal-partijiet ikkonċernati, inkluż mis-soċjetà ċivili u s-settur privat; billi, f'Lulju 2023, il-President iċċirkola abbozz aġġornat tal-istrument qabel id-disa' sessjoni tal-OEIGWG skedata għat-23-27 ta' Ottubru 2023;

J. billi l-UE ilha taħdem fuq leġiżlazzjoni ambizzjuża rigward id-diliġenza dovuta korporattiva, fost tipi oħra ta' leġiżlazzjoni, li sservi bħala bażi għall-mandat ta' negozjar tagħha; billi, fin-nuqqas ta' mandat ta' negozjar, ir-rappreżentant tal-UE pparteċipa biss fis-sessjonijiet tal-OEIGWG bħala osservatur u kkontribwixxa biss b'dikjarazzjonijiet ġenerali; billi, barra minn hekk, matul is-snin l-involviment ta' ekonomiji kbar oħra barra mill-UE fid-diskussjonijiet kien ambivalenti;

K. billi, sussegwentement, il-pożizzjoni tal-Istati Membri tal-UE evolviet gradwalment, b'ħafna minnhom jipparteċipaw b'mod attiv fl-aħħar sessjonijiet tal-OEIGWG; billi Franza u l-Portugall ingħaqdu mal-grupp "Friends of the Chair", li jassisti lill-President fl-iżvilupp ta' proposti ta' kunsens minn blokok reġjonali; billi, fost il-prijoritajiet tiegħu fil-fora tad-drittijiet tal-bniedem fl-2023, il-Kunsill iddikjara l-impenn tiegħu li "jipparteċipa b'mod attiv" fid-diskussjonijiet tan-NU dwar l-LBI u esprima r-rieda tiegħu li jaħdem mal-President tal-OEIGWG u l-Friends of the Chair "biex jesplora … strument ibbażat fuq il-kunsens li jista' jsaħħaħ b'mod effettiv il-protezzjoni tal-vittmi u joħloq kundizzjonijiet ekwi globali".

L. billi l-Parlament esprimaripetutament l-appoġġ tiegħu għad-diskussjonijiet tan-NU dwar l-LBI, inkluż billi adotta għadd ta' riżoluzzjonijiet li jitolbu lill-UE u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fin-negozjati;

M. billi, f'dawn l-aħħar snin, l-UE wriet ambizzjoni kbira fir-rigward tan-negozju u d-

drittijiet tal-bniedem u bdiet għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi li għandhom l-għan jirregolaw l-attivitajiet kummerċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-obbligi ambjentali u relatati mal-klima, bħad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva, proposta għal regolament dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmula b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni, ir-Regolament dwar prodotti li ma jikkontribwux għad-deforestazzjoni, ir-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt u r-Regolament dwar il-Batteriji;

N. billi għadd ta' Stati Membri tal-UE, bħal Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands, reċentement adottaw jew proponew leġiżlazzjoni obbligatorja dwar id-diliġenza dovuta, filwaqt li għadd ta' Stati Membri oħra qed jikkunsidraw li jagħmlu l-istess; billi huwa importanti li tiġi żgurata l-koerenza bejn il-leġiżlazzjoni dwar id-diliġenza dovuta fil-livell tal-Istati Membri jew tal-UE u l-LBI tan-NU;

O. billi ġew adottati, jew qed jiġu diskussi inizjattivi regolatorji, inkluża leġiżlazzjoni, dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, f'pajjiżi mhux tal-UE bħall-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, il-Ghana, il-Ġappun, il-Messiku, New Zealand, in-Norveġja, l-Afrika t'Isfel, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti; billi bosta pajjiżi oħra żviluppaw pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem;

P. billi l-abbozz tal-LBI fih klawżola ta' organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali biex takkomoda r-rwoli rispettivi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha;

Q. billi hemm interess sostanzjali u dejjem jikber fil-mobilizzazzjoni madwar u aspettattivi mid-diskussjonijiet fil-livell tan-NU dwar l-LBI fost komunitajiet, popli indiġeni, trade unions, membri tas-soċjetà ċivili, studjużi u esperti affettwati globalment;

*Kummenti ġenerali u l-qafas internazzjonali dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem*

1. Jisħaq li l-livell ġenerali ta' tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja jiddependi, fost affarijiet oħra, mill-imġiba tal-korporazzjonijiet, minħabba l-iskala attwali tal-globalizzazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tan-negozju u l-ktajjen tal-valur; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li l-intrapriżi kummerċjali jkunu jistgħu jibbażaw fuq governanza pubblika tajba u sistema u qafas legali komprensivi u li jiffunzjonaw tajjeb sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Jappoġġja bil-qawwa l-implimentazzjoni sħiħa, ġewwa u barra l-UE, tal-istandards internazzjonali dwar kondotta responsabbli tan-negozju biex tikkomplimenta u tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-UNGPs; jissottolinja l-importanza tal-UNGPs u l-Linji Gwida tal-OECD u l-appoġġ wiesa' li jgawdu; ifakkar li l-UNGPs jikkostitwixxu l-uniku qafas globali li jagħti dettalji dwar ir-responsabbiltà korporattiva għall-prevenzjoni u l-indirizzar tar-riskju ta' impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem marbuta mal-attività tan-negozju; jisħaq li kwalunkwe ħidma li ssir fuq l-LBI għandha tiżgura allinjament sħiħ ma' dawn l-istandards;

3. Jisħaq li peress li r-responsabbiltà soċjali korporattiva hija biss fuq bażi volontarja u għalhekk mhijiex inkorporata fi strumenti infurzabbli, din tista' toħloq distorsjonijiet tas-suq u kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi li jagħżlu li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali jew li huma soġġetti għal obbligi nazzjonali jew reġjonali;

jirrikonoxxi li għalkemm inkiseb xi progress, għadu qed iseħħ ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa', għalhekk, l-isforzi biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u l-insegwiment ta' impenn appoġġjat globalment għal imġiba responsabbli fin-negozju; jilqa', barra minn hekk, il-bidla attwali f'termini ta' żviluppi normattivi minn inizjattivi ta' liġi mhux vinkolanti għal standards vinkolanti;

4. Jissottolinja l-importanza li jingħalqu l-lakuni legali u regolatorji li qed jiġu sfruttati minn xi intrapriżi kummerċjali, inklużi l-investituri, a skapitu tad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent;

5. Jinnota bi tħassib li fis-sistemi ġudizzjarji ta' ħafna pajjiżi, jippersistu bosta ostakli proċedurali, sostantivi u prattiċi fir-rigward tal-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja, inklużi diffikultajiet fl-identifikazzjoni tal-qorti kompetenti, ostakli relatati mal-istandards ġuriżdizzjonali, perjodi qosra ta' limitazzjoni statutorja, responsabbiltà limitata jew mhux ċara minħabba strutturi korporattivi kumplessi, aċċess għal rappreżentanza u informazzjoni legali, kostijiet projbittivi ta' rappreżentanza barra mill-pajjiż, kif ukoll inugwaljanzi oħra bejn rikorrenti u konvenuti; jinnota bi tħassib, barra minn hekk, każijiet ta' vittmi li jiffaċċjaw intimidazzjoni jew vjolenza min-negozji involuti b'rispons għall-fatt li jfittxu ġustizzja; jenfasizza li l-persuni jew il-gruppi vulnerabbli jew emarġinati, li jistgħu jirrikjedu attenzjoni addizzjonali fil-kuntest tal-attivitajiet ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati, qed jiffaċċjaw ostakli akbar biex jibbenefikaw b'mod ekwu minn pagamenti ta' kumpens jew forom oħra ta' restituzzjoni;

6. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu inklużi r-regolamentazzjoni ekstraterritorjali bbażata fuq il-kumpaniji omm u l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem korporattivi tranżnazzjonali fl-istat ta' oriġini tal-korporazzjonijiet tranżnazzjonali (TNCs); jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiġu definiti obbligi ċari għat-TNCs fir-rigward tal-qerda tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat mill-ktajjen tal-provvista u l-operazzjonijiet tagħhom;

7. Jappoġġa bil-qawwa l-ħidma li qed titwettaq fin-NU permezz tal-OEIGWG biex jiġi żviluppat l-istrument; jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma tal-Presidenti suċċessivi mill-Ekwador fit-tmexxija ta' dan l-isforz kumpless u jilqa' r-rwol ta' appoġġ tal-grupp "Friends of the Chair";

8. Jistieden lill-President tal-OEIGWG u lill-Istati Membri tan-NU jiżguraw li n-negozjati jitwettqu b'mod trasparenti, bi djalogu sinifikattiv mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż s-soċjetà ċivili, it-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema u s-settur privat, b'attenzjoni xierqa mogħtija lill-partijiet ikkonċernati vulnerabbli; jinsisti, barra minn hekk, fuq l-importanza li jiġi żgurat involviment attiv mir-reġjuni kollha, bl-għan li jiġi żviluppat strument effettiv li jirrifletti d-diversità globali tar-realtajiet legali, soċjali u ekonomiċi li jaffettwaw id-drittijiet tal-bniedem u li jibbaża fuq l-aħjar prattiki implimentati fil-livell domestiku u reġjonali; iħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem u ekonomiċi, kif ukoll lill-awtoritajiet, biex jgħinu jiffaċilitaw dan l-involviment universali;

*L-impenn tal-UE u tal-Istati Membri fil-proċess tan-NU*

9. Ifakkar li l-UE għandha impenn ibbażat fuq it-Trattat li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja u soluzzjonijiet multilaterali fin-NU għal problemi komuni, li

għad irid jiġi rifless fil-parteċipazzjoni tagħha fl-OEIGWG b'mandat ta' negozjar;

10. Jirrikonoxxi l-OEIGWG bħala l-uniku forum globali u multilaterali fejn qed jiġu diskussi regoli obbligatorji dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem u, għalhekk, iqis li huwa kruċjali li l-UE li tinvolvi ruħha b'mod attiv f'dan il-proċess, flimkien ma' massa kritika ta' membri tan-NU, sabiex jintlaħaq eżitu bbażat fuq il-kunsens li jista' jibbaża fuq appoġġ wiesa' madwar id-dinja;

11. Jissottolinja li l-aħħar żviluppi normattivi fil-livell tal-UE dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem huma passi inizjali importanti biex jiġi indirizzat l-aċċess għall-ġustizzja u d-drittijiet tal-vittmi, li jinsabu fiċ-ċentru tal-LBI bħala trattat ewlieni dwar id-drittijiet tal-bniedem; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq in-natura, l-objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni komplementari, kif ukoll il-ħtieġa ta' koerenza bejn iż-żewġ binarji normattivi, li se joperaw f'livelli differenti;

12. Jemmen li l-UE għandha tinvolvi ruħha b'mod attiv fin-negozjati li għaddejjin, b'mod partikolari biex tkompli tiżviluppa l-abbozz tal-LBI, filwaqt li tiffoka fuq il-vittmi ta' abbużi relatati man-negozju tul il-katina tal-valur, tneħħi l-ostakli għall-ġustizzja u r-rimedju effettiv, tiżgura kundizzjonijiet ekwi u ċertezza tad-dritt għan-negozji, filwaqt li tqis il-karattru partikolari tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u ssaħħaħ il-kooperazzjoni billi tuża l-perspettivi internazzjonali u l-aħjar prattiki; iqis li dan l-involviment fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxi biex jiġu żgurati implimentazzjoni u infurzar aħjar tad-drittijiet tal-bniedem fuq livell internazzjonali, filwaqt li jikkontribwixxi bl-istess mod għal kundizzjonijiet ekwi internazzjonali u jipprovdi strument globali li jkun kemm appoġġjat b'mod wiesa' kif ukoll ratifikat fost l-istati fir-reġjuni kollha, inkluż iżda mhux limitat għall-Unjoni Ewropea, u li jibqa' rilevanti fid-dawl tat-theddid għad-drittijiet tal-bniedem li qed jevolvi;

13. Jilqa' l-impenn tal-Kunsill li l-UE se ssaħħaħ l-impenn tagħha u tipparteċipa b'mod attiv fl-OEIGWG; iqis, madankollu, li l-uniku mod sinifikattiv u tanġibbli biex jiġi ppromulgat dan l-impenn iddikjarat huwa billi jiġi adottat mandat tal-UE għan-negozjati; iħeġġeġ lill-Kunsill, għalhekk, jadotta mandat ambizzjuż għan-negozjati malajr kemm jista' jkun sabiex l-UE tkun tista' tipparteċipa b'mod attiv fin-negozjati bl-għan li ssawwar l-LBI futur; jisħaq li l-pożizzjoni tal-UE trid timmira għal dispożizzjonijiet b'saħħithom f'termini ta' mekkaniżmi ta' infurzar u monitoraġġ, kif ukoll fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja għal dawk affettwati minn ksur;

14. Jistieden lill-Istati Membri, sadanittant, jinvolvu ruħhom fil-proċess fuq bażi individwali filwaqt li jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom matul in-negozjati, sabiex jiddefendu pożizzjoni tal-UE b'saħħitha, komuni u ċara, filwaqt li jippreżentaw b'mod kostruttiv l-inizjattivi leġiżlattivi li għandhom l-għan li jirregolaw l-attivitajiet kummerċjali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-obbligi relatati mal-klima, filwaqt li juru apprezzament għall-progress li sar s'issa; jistenna li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kummissjoni, b'mod partikolari d-Delegazzjoni tal-UE għan-NU f'Ġinevra, ikollhom rwol proattiv u kostruttiv f'dan il-proċess;

15. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'mod proattiv mal-istati msieħba kollha u jinkludu s-suġġett fid-djalogi tagħhom ma' pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet reġjonali, b'mod partikolari fil-qafas tad-djalogi

strutturati tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-UE tilħaq, b'mod partikolari, lis-sħab ewlenin li bħalissa qed jiżviluppaw l-oqfsa tagħhom stess dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem fil-livell nazzjonali, bħall-Brażil u l-Ġappun, u fil-livell reġjonali, bħall-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli u l-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

*Elementi għal pożizzjoni tal-UE dwar l-LBI*

16. Jilqa' l-abbozz aġġornat tal-LBI, ippubblikat f'Lulju 2023, u jqis li joffri bażi soda u promettenti għall-avvanz tan-negozjati, filwaqt li jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa għal titjib u allinjament mal-UNGPs, il-Linji Gwida tal-OECD u standards internazzjonali attwali oħra;

17. Jemmen li l-UE għandha tistinka għal LBI li jkun kompatibbli mal-iżviluppi normattivi li għaddejjin fil-livell tal-UE u komplementari għalihom, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' qafas legali globali aktar koerenti dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem;

18. Jappoġġja kamp ta' applikazzjoni wiesa' għal-LBI li jiżgura li r-responsabbiltà tapplika tul il-ktajjen tal-valur globali; iqis li l-fatt li l-istati partijiet jingħataw il-flessibbiltà li jiddifferenzjaw, skont il-leġiżlazzjoni domestika tagħhom, kif l-intrapriżi kummerċjali, b'mod partikolari l-SMEs, iwettqu l-obbligi ta' prevenzjoni skont l-LBI, b'mod proporzjonat mad-daqs, is-settur, is-sjieda, il-kuntest operattiv u s-severità tal-impatti tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem, jipprovdi flessibbiltà importanti għall-adattament nazzjonali u jkun konsistenti mal-kamp ta' applikazzjoni universali tal-UNGPs; jenfasizza li f'ħafna reġjuni tad-dinja, l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) spiss huma l-forza mexxejja tal-ekonomiji lokali; jissottolinja li l-MSMEs jirrappreżentaw 90 % tan-negozji, 60 sa 70 % tal-impjiegi u 50 % tal-prodott domestiku gross madwar id-dinja; itenni l-importanza li jiġi żgurat li l-obbligi u r-rekwiżiti fl-istrument ikunu proporzjonati mad-daqs, ir-riżorsi u l-ingranaġġ tal-kumpaniji, u jitlob lill-UE tipprovdi salvagwardji għall-MSMEs fin-negozjati dwar l-istrument;

19. Jemmen li l-attivitajiet kummerċjali għandhom jinftiehmu f'konformità mal-UNGPs;

20. Jinsisti li ambitu wiesa' ta' strumenti internazzjonali, inklużi iżda mhux limitati għad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, it-trattati internazzjonali ewlenin kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, għandhom ikunu koperti taħt l-LBI, f'konformità mal-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem;

21. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li diversi referenzi għall-ambjent u t-tibdil fil-klima, inkluż fir-rigward tar-responsabbiltà, tneħħew mill-kamp ta' applikazzjoni tal-LBI fl-aħħar abbozz; iqis li l-UE u l-Istati Membri għandhom jistinkaw biex l-impatt ambjentali u klimatiku tal-attivitajiet kummerċjali jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LBI, f'konformità mal-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-ambizzjoni tal-UE f'dan il-qasam, u għalhekk jirriflettu r-realizzazzjoni dejjem akbar tal-impatt tal-attivitajiet kummerċjali fir-rigward tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, li min-naħa tagħhom għandhom impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem;

22. Jisħaq li l-LBI għandu jipprevedi qafas ambizzjuż, komprensiv, reattiv u obbligatorju

għall-prevenzjoni tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem mill-korporazzjonijiet, b'mod partikolari billi jistabbilixxi l-obbligu għall-istati partijiet li jadottaw miżuri leġiżlattivi, regolatorji u miżuri oħra xierqa u effettivi biex jipprevjenu l-abbuż korporattiv u jiżguraw il-prattika tad-diliġenza dovuta ambjentali u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem mill-intrapriżi kummerċjali kollha; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-fatt li l-istati partijiet jingħataw il-flessibbiltà li jadattaw l-oqfsa preventivi tagħhom għas-sistemi legali tagħhom stess, filwaqt li jippreżervaw il-primazija tad-drittijiet tal-bniedem, ikun fattur ewlieni fl-iżgurar ta' aderenza wiesgħa mal-LBI;

23. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex jiżguraw, f'konformità mad-dispożizzjonijiet fl-ambitu tal-UNGPs, li l-qafas ta' prevenzjoni tal-LBI jobbliga lill-atturi korporattivi jwettqu diliġenza dovuta msaħħa meta joperaw f'żoni fejn ir-riskju ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem ikun akbar, bħal żoni milquta minn kunflitti jew territorji taħt okkupazzjoni jew annessjoni, inkluż billi jiżdiedu referenzi għad-dritt umanitarju internazzjonali, il-liġi kriminali internazzjonali u dritt konswetudinarju internazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LBI; jemmen li l-LBI għandu jindirizza wkoll aspetti relatati mal-attivitajiet korporattivi f'żoni milquta minn diżastri jew fir-rigward ta' komunitajiet vulnerabbli għat-tibdil fil-klima, li qed isiru dejjem aktar rilevanti fil-kuntest tal-kriżi klimatika;

24. Jemmen li l-obbligu għall-kumpaniji li jadottaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju u jwettqu valutazzjonijiet regolari tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem qabel u matul l-operazzjonijiet, u li jqisu l-ħtiġijiet ta' dawk f'riskju akbar, jikkostitwixxu elementi partikolarment importanti għall-qafas ta' prevenzjoni tal-LBI, inkluż billi jintegraw perspettiva tal-ġeneri, iżda anke billi jitqiesu kwistjonijiet li jikkonċernaw gruppi f'riskju ta' vulnerabbiltà jew emarġinazzjoni, bħall-komunitajiet indiġeni u tradizzjonali, il-minoranzi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent;

25. Jitlob li l-LBI jipprovdi rwol ċentrali lill-partijiet ikkonċernati affettwati, b'mod partikolari permezz tal-obbligu li tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva u sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi t-trade unions, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-popli indiġeni u l-organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità, kif ukoll is-settur privat, fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, politiki u miżuri oħra, b'attenzjoni speċjali għall-aċċess għall-ġustizzja u r-rimedji;

26. Jitlob li l-LBI jipprovdi definizzjoni ta' parteċipazzjoni attiva u sinifikattiva tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż permezz ta' involviment interattiv imwettaq *in bona fide*, fuq bażi kontinwa, b'segwitu xieraq, li jinvolvi l-identifikazzjoni u t-tneħħija ta' ostakli potenzjali għall-involviment, u jiżgura l-parteċipazzjoni sikura tal-partijiet ikkonċernati mingħajr biża' ta' rappreżalja;

27. Jisħaq fuq l-importanza għall-UE u l-Istati Membri li jiżguraw li l-LBI jinkludi d-dmir li jipproteġi d-drittijiet u s-sikurezza tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tad-difensuri tal-ambjent, tal-ġurnalisti, tal-ħaddiema u tal-popli indiġeni u ta' gruppi emarġinati oħra, u biex jintegra l-kunsiderazzjoni għal dawn il-gruppi fl-istrument kollu; jinsisti, b'mod partikolari, fuq l-importanza li jiġi stabbilit il-prinċipju tal-kunsens liberu, minn qabel u infurmat tal-popli indiġeni;

28. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġjaw l-inklużjoni fl-LBI tal-ġlieda kontra l-

korruzzjoni skont il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu li l-korruzzjoni tiffaċilita, tipperpetwa u tistituzzjonalizza l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

29. Jinsab imħasseb dwar ir-riskji tal-forum-shopping u l-impatt tiegħu fuq kundizzjonijiet ekwi, anke fil-kuntest tal-UE; iħeġġeġ strumenti fil-livell tal-UE biex itaffu dawn ir-riskji, inkluż mekkaniżmu ta' monitoraġġ; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-pajjiżi jimplimentaw mekkaniżmi robusti u effettivi, iżda prattiċi u proporzjonali, ta' infurzar u monitoraġġ tal-konformità; jinsisti, barra minn hekk, fuq ir-rekwiżit li l-istati partijiet iwettqu rapportar regolari u fil-fond; jinnota r-rwol potenzjali, f'dan ir-rigward, tal-proċessi adottati biex jiġu żviluppati pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem; jinnota li l-mandat tal-UE għandu jiżgura li r-rekwiżiti jitfasslu b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu allinjati mal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE f'dan il-qasam;

30. Jistenna li l-UE u l-Istati Membri jippromwovu dispożizzjonijiet robusti dwar l-aċċess għall-ġustizzja, inkluż l-aċċess għal rimedju ġudizzjarju bbażat fl-istat, fl-LBI, f'konformità mal-impenn tagħhom li jipproteġu lill-vittmi, jiġġieldu l-impunità u jiddefendu l-UNGPs;

31. Jenfasizza l-ħtieġa li d-dispożizzjonijiet tal-LBI dwar id-drittijiet tal-vittmi u d-detenturi tad-drittijiet jispjegaw il-mezzi biex jiġi żgurat id-dritt għal aċċess ġust, adegwat, fil-pront, mhux diskriminatorju, xieraq u sensittiv għall-ġeneru għall-ġustizzja, riparazzjonijiet individwali jew kollettivi u rimedju effettiv fir-rigward ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem ikkawżati jew ikkontribwiti minn kumpaniji; jinnota li dan għandu jinkludi d-dritt għal rimedju kollettiv, aċċess għal għajnuna legali, li wieħed jinstema' fl-istadji kollha tal-proċedimenti, informazzjoni miżmuma minn intrapriżi kummerċjali kif definit fil-ġurisdizzjonijiet ikkonċernati, u protezzjoni minn rappreżalji u rivittimizzazzjoni; iqis li fl-abbozz għandhom jiġu previsti mekkaniżmi biex jittaffa l-piż evidenzjarju fuq il-vittmi biex jiġi ffaċilitat id-dritt tal-vittma li jkollha aċċess għal rimedju; iqis ukoll li l-Istati partijiet għandhom jippermettu l-adozzjoni ta' miżuri interim jew ta' prekawzjoni f'każijiet urġenti;

32. Jinsisti li l-LBI għandu jinkludi d-dmir għall-istati partijiet li jiżviluppaw sistema komprensiva u adegwata ta' responsabbiltà legali li tirreaġixxi għall-ħtiġijiet tal-vittmi, fir-rigward tar-rimedju, u proporzjonata għall-gravità tal-abbuż, filwaqt li tevita li tiffaċilita talbiet abbużivi; jinsisti, barra minn hekk, li l-LBI għandu jistabbilixxi kundizzjonijiet li fihom ir-responsabbiltà tal-kumpaniji tista' tiġi stabbilita kif xieraq għall-ħsara li huma responsabbli għaliha;

33. Jinsisti li l-LBI għandu jindirizza l-ostakli prattiċi u proċedurali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-vittmi ta' abbuż korporattiv meta jfittxu l-ġustizzja, fost l-oħrajn, billi jindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw il-qrati meta jitolbu ġuriżdizzjoni f'varjetà ta' sitwazzjonijiet, u jiżgura li l-istatuti tal-limitazzjonijiet ikunu adegwati u mhux restrittivi bla bżonn; jinsisti fuq l-importanza li tingħata attenzjoni xierqa lil persuni jew gruppi vulnerabbli jew emarġinati f'dan il-kuntest;

34. Jilqa' l-proposta għall-istabbiliment ta' fond internazzjonali għall-vittmi taħt l-LBI li jipprovdi għajnuna legali u finanzjarja lill-vittmi li qed ifittxu aċċess għal rimedji;

35. Jinsisti li l-LBI għandu jagħti biżżejjed setgħat lill-Konferenza tal-Partijiet biex

tistabbilixxi mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-LBI u tagħmel rakkomandazzjonijiet għal passi ulterjuri possibbli; iqis li l-kumitat stabbilit skont l-LBI għandu jingħata s-setgħa li jirċievi u jikkunsidra komunikazzjonijiet u lmenti minn individwi, komunitajiet jew ir-rappreżentanti tagħhom dwar abbużi tad-drittijiet tal-bniedem minn intrapriżi kummerċjali koperti mil-LBI li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-LBI, u li jikkonċernaw ksur minn stat parti ta' kwalunkwe dritt stabbilit fl-LBI;

36. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ finanzjarju u tekniku tagħha għall-awtoritajiet nazzjonali f'pajjiżi mhux tal-UE dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari permezz ta' (i) l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali fl-ambitu tal-UNGPs, (ii) l-iżvilupp ta' mekkaniżmi mhux ġudizzjarji, bħall-uffiċċji tal-ombudsman jew il-punti ta' kuntatt nazzjonali, (iii) inizjattivi leġiżlattivi li għandhom l-għan li jipproteġu lill-informaturi u li jirregolaw l-attivitajiet kummerċjali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-obbligi relatati mal-ambjent, u (iv) il-promozzjoni u l-forniment ta' rimedji aċċessibbli u effiċjenti għall-vittmi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ tagħha għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'dawn l-oqsma;

°

° °

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-President tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lill-President tal-Grupp ta' Ħidma Intergovernattiv Miftuħ.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-intrapriżi kummerċjali huma atturi ewlenin fil-globalizzazzjoni ekonomika, fis-servizzi finanzjarji u fil-kummerċ internazzjonali, u huma meħtieġa jikkonformaw mal-liġijiet applikabbli u t-trattati internazzjonali kollha u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem. Jistgħu jikkawżaw, jikkontribwixxu jew ikunu direttament marbuta ma' impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq l-ambjent. Madankollu, il-korporazzjonijiet jista' jkollhom ukoll rwol importanti fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, l-istandards ambjentali u r-responsabbiltà korporattiva.

Il-vittmi ta' abbuż korporattiv jiffaċċjaw ostakli multipli u li jikkoinċidu biex jaċċessaw ir-rimedji. L-impunità għall-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem minn korporazzjonijiet tranżnazzjonali għadha fil-biċċa l-kbira mhux indirizzata fin-nuqqas ta' qafas regolatorju robust u komprensiv u allinjament fil-livell globali u reġjonali.

F'dawn l-aħħar snin, l-UE tat bidu għal għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi bil-għan li tirregola l-attivitajiet tan-negozju fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-obbligi ambjentali u relatati mal-klima, b'mod partikolari permezz tal-proposta ta' Direttiva tal-UE dwar id-Diliġenza Dovuta dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva, ir-Regolament li jipprojbixxi l-prodotti magħmulin b'Xogħol Furzat, kif ukoll bosta inizjattivi settorjali inkluż ir-Regolament dwar il-Prodotti Ħielsa mid-Deforestazzjoni, ir-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt u l-Atti dwar il-Materja Prima Kritika.

Diversi Stati Membri tal-UE reċentement adottaw leġiżlazzjoni ta' diliġenza dovuta ta' natura obbligatorja bħal Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands, filwaqt li għadd ta' Stati Membri oħra qed jikkunsidraw li jagħmlu l-istess.

Barra l-UE, ġew adottati inizjattivi regolatorji, inkluża leġiżlazzjoni, dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, jew dawn qed jiġu diskussi bħall-Awstralja, il-Brażil, l-Istati Uniti, il-Ġappun, in-Norveġja, New Zealand, il-Kanada, il-Messiku, l-Afrika t'Isfel, il-Ghana u l-Iżvizzera u bosta pajjiżi oħra żviluppaw Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UNHRC) adotta riżoluzzjoni fis-26 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi grupp ta' ħidma intergovernattiv miftuħ (OEIGWG) biex jelabora strument internazzjonali legalment vinkolanti (LBI) "biex jirregola, fil-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivitajiet ta' korporazzjonijiet tranżnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra".

Il-Grupp ta' Ħidma sal-lum kellu tmien sessjonijiet u għadd ta' konsultazzjonijiet reġjonali u oħrajn mal-partijiet ikkonċernati. F'Lulju 2023, il-President iċċirkola abbozz aġġornat tal-istrument qabel id-disa' sessjoni tal-grupp ta' ħidma ppjanata fit-23-27 ta' Ottubru 2023.

Il-pożizzjoni tal-UE u tal-Istati Membri evolviet fir-rigward tal-ħidma tal-OEIGWG. Inizjalment, l-Istati Membri kollha tal-UE li dak iż-żmien kienu membri tal-UNHRC ivvutaw kontra r-riżoluzzjoni li tniedi l-proċess ta' negozjar tal-LBI u, fin-nuqqas ta' mandat ta' negozjar, ir-rappreżentant tal-UE pparteċipa biss fis-sessjonijiet tal-OEIGWG bħala osservatur u kkontribwixxa biss dikjarazzjonijiet ġenerali.

Sussegwentement, madankollu, il-pożizzjoni tal-Istati Membri tal-UE evolviet gradwalment, b'ħafna minnhom jipparteċipaw b'mod attiv fl-aħħar sessjonijiet tal-OEIGWG. Franza u l-Portugall ingħaqdu mal-grupp "Friends of the Chair". Barra minn hekk, fost il-prijoritajiet

tiegħu fil-fora tad-drittijiet tal-bniedem fl-2023, il-Kunsill tal-UE ddikjara l-impenn tiegħu li "jipparteċipa b'mod attiv" fid-diskussjonijiet tan-NU dwar l-LBI u esprima r-rieda tiegħu li jaħdem mal-President tal-OEIGWG u l-Friends of the Chair "biex jesplora (…) strument ibbażat fuq il-kunsens li jista' jsaħħaħ b'mod effettiv il-protezzjoni tal-vittmi u joħloq kundizzjonijiet ekwi globali".

Hemm interess sostanzjali u dejjem jikber fil-mobilizzazzjoni madwar u aspettattivi mid-diskussjonijiet fil-livell tan-NU dwar l-LBI fost komunitajiet, popli indiġeni, trade unions, membri tas-soċjetà ċivili, studjużi u esperti affettwati globalment.

Il-Parlament appoġġja b'mod konsistenti d-diskussjonijiet tan-NU dwar l-LBI, inkluż f'numru ta' riżoluzzjonijiet. Hekk kif in-negozjati tal-LBI qed iżidu l-momentum, tqies importanti li tiġi enfasizzata l-pożizzjoni attwali tal-Parlament, fid-dawl tal-aħħar żviluppi, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll tan-NU, u tiġi mtennija l-ħtieġa li l-UE tadotta mandat ambizzjuż għan-negozjati sabiex tipparteċipa b'mod deċiżiv fid-diskussjonijiet.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| Senior Legal Advisor, European Center for Constitutional and Human Rights (ECCHR) |
| Corporate Regulation Officer, CIDSE |
| Chief Adviser & Senior Researcher, the Danish Institute for Human Rights |
| Policy Officer, EEAS |
| Legal & Policy Officer, DG JUST, European Commission |
| Advisor, International Organisation of Employers |
| Counsellor, Permanent Representation of Portugal to the EU |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

25.10.2023

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar it-tiswir tal-pożizzjoni tal-UE dwar l-istrument vinkolanti tan-NU rigward l-intrapriżi u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari rigward l-aċċess għal rimedju u l-protezzjoni tal-vittmi
(2023/2108(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Miguel Urbán Crespo

# SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-UE hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; billi l-azzjonijiet tagħha fix-xena internazzjonali jridu jkunu ggwidati minn dawk il-prinċipji u jkunu konsistenti mal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, kif minqux fl-Artikolu 208 tat-Trattat ta' Liżbona;

B. billi l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-prinċipju "Ħadd Ma Jitħalla Jibqa' Lura" jimplikaw li l-iżvilupp ekonomiku jimxi id f'id mal-ġustizzja soċjali, il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

C. billi l-vittmi ta' abbuż korporattiv jiffaċċjaw ostakli multipli biex jaċċessaw ir-rimedji; billi l-impunità tal-korporazzjonijiet transnazzjonali għall-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem għadha fil-biċċa l-kbira mhux indirizzata fin-nuqqas ta' qafas regolatorju robust u komprensiv fuq livell dinji;

D. billi l-vittmi ta' dan il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem huma fil-biċċa l-kbira persuni foqra u vulnerabbli;

1. Jiddispjaċih li l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGPs) mhumiex inkorporati fi strumenti infurzabbli; ifakkar li l-implimentazzjoni fqira tal-UNGPs, kif ukoll ta' standards oħra rikonoxxuti internazzjonalment bħal-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi għall-Intrapriżi Multinazzjonali, ġiet attribwita fil-biċċa l-kbira għan-natura mhux vinkolanti tagħhom;

2. Jinnota bi tħassib li hemm asimmetrija bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-korporazzjonijiet transnazzjonali (TNCs), b'mod partikolari fit-trattati dwar il-protezzjoni tal-investiment, meta l-investituri jingħataw drittijiet wiesgħa li mhux neċessarjament ikunu

akkumpanjati minn obbligi vinkolanti u infurzabbli f'termini ta' konformità mad-drittijiet tal-bniedem, il-liġi tax-xogħol u l-liġi ambjentali;

3. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġu approvati normi internazzjonali vinkolanti u infurzabbli li jirregolaw l-attivitajiet tat-TNCs u l-ktajjen tal-valur globali tagħhom; jenfasizza li proporzjon kbir ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u ambjentali jitwettaq minn għadd ta' TNCs ibbażati fit-Tramuntana Globali, iżda li joperaw f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

4. Ifakkar li l-abbużi tad-drittijiet tal-ħaddiema mill-kumpaniji qed jiżdiedu madwar id-dinja u li skont l-Indiċi tad-Drittijiet tal-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trade Unions, 113-il pajjiż iċaħħdu lill-ħaddiema mid-dritt tagħhom li jistabbilixxu jew jingħaqdu ma' trade union, żieda minn 106 fl-2021, 87 % tal-pajjiżi kisru d-dritt tal-istrajkjar u erbgħa minn ħames pajjiżi mblukkaw in-negozjar kollettiv;

5. Ifakkar li n-nies fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment il-komunitajiet indiġeni u tradizzjonali, il-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar u produtturi tal-ikel oħra fuq skala żgħira, in-nisa, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ħaddiema, il-minoranzi u gruppi vulnerabbli oħra, huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u ambjentali mwettaq mit-TNCs; jinnota li dan il-ksur huwa aggravat aktar mill-korruzzjoni u spiss ma jiġix ikkastigat, bħal fil-każijiet emblematiċi ta' Mariana u Brumadinho (il-Brażil), Rana Plaza (il-Bangladesh), Marikana (l-Afrika t'Isfel) u Chevron-Texaco (l-Ekwador), fost ħafna oħrajn; jitlob li tiġi promossa t-trasparenza billi t-TNCs jintalbu jiżvelaw informazzjoni rilevanti dwar l-operazzjonijiet tagħhom, l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-miżuri meħuda biex jindirizzawhom, u biex jiġi żgurat l-aċċess għall-ġustizzja, b'enfasi speċjali fuq id-dimensjoni soċjali u l-minoranzi u gruppi vulnerabbli oħra, u rimedju effettiv għall-vittmi ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;

6. Jenfasizza li f'ħafna reġjuni tad-dinja, l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) spiss huma l-forza mexxejja tal-ekonomiji lokali; jissottolinja li l-MSMEs jirrappreżentaw 90 % tan-negozji, 60 sa 70 % tal-impjiegi u 50 % tal-prodott domestiku gross madwar id-dinja; itenni l-importanza li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi adegwati u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi salvagwardji u eżenzjonijiet għall-MSMEs fin-negozjati dwar l-istrument;

7. Jistieden lill-Kunsill jadotta mandat ambizzjuż għall-Kummissjoni biex timpenja ruħha bis-sħiħ fin-negozjati dwar l-istrument legalment vinkolanti tan-NU dwar it-TNCs u d-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-objettivi stipulati mir-Riżoluzzjoni 26/9 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tal-14 ta' Lulju 2014, li tagħti mandat għal dawk in-negozjati; jenfasizza li n-negozjati, kif ukoll il-mandat tal-UE, għandhom jiżguraw kooperazzjoni ma' sħab stabbiliti u potenzjali fl-oqsma tan-negozju u d-drittijiet tal-bniedem u involviment sinifikanti mal-partijiet ikkonċernati milquta mit-trattat, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, trade unions u rappreżentanti oħra tal-ħaddiema u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġi adottat approċċ sensittiv għall-ġeneru matul il-proċess kollu, peress li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mhuwiex newtrali għall-ġeneru u m'għandux jiġi ttrattat bħala tali; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu d-diplomazija u r-reputazzjoni tal-UE bħala sieħeb kredibbli u difensur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent; jenfasizza li biex jintlaħaq

dan l-għan, il-pożizzjoni tal-UE trid tkun ibbażata fuq is-supremazija tad-drittijiet tal-bniedem u tinkludi mekkaniżmi b'saħħithom ta' infurzar u monitoraġġ (inklużi rekwiżiti ta' rappurtar u rieżamijiet perjodiċi biex tiġi żgurata l-konformità), aċċess għall-ġustizzja għal dawk affettwati minn ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u dispożizzjonijiet ta' responsabbiltà konġunta u *in solidum* għat-TNCs u l-ktajjen tal-valur tagħhom li huma differenti u indipendenti minn dawk tal-istati; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha bis-sħiħ f'negozjati futuri dwar it-trattat vinkolanti tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem u tiżgura li jkollu kamp ta' applikazzjoni sostantiv wiesa' li jkopri d-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment kollha, inklużi d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u tat-trade unions, kif definiti mill-istandards internazzjonali rilevanti tax-xogħol u abbażi tal-konvenzjonijiet rilevanti kollha tan-NU; jinnota li inkella l-Istati Membri għandhom jinvolvu ruħhom fil-proċess b'mod individwali;

8. Jisħaq fuq l-importanza li l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument legalment vinkolanti li qed jiġi nnegozjat ikopri t-TNCs kollha u intrapriżi kummerċjali oħra ta' natura transnazzjonali, kif stabbilit mir-Riżoluzzjoni 26/9, kif ukoll l-attivitajiet tagħhom imwettqa permezz ta' affiljati, sussidjarji, aġenti, fornituri, sħubijiet, impriżi konġunti u pussess benefiċjali; jinsab imħasseb, madankollu, li għad hemm ħafna lakuni fil-governanza li jippersistu fil-livell internazzjonali u jitlob li jitkompla l-impenn multilaterali sabiex jintbagħat sinjal konsistenti lis-sħab ta' kooperazzjoni attwali u potenzjali;

9. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu inklużi r-regolamentazzjoni ekstraterritorjali bbażata fuq il-kumpaniji omm u l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem korporattivi tranżnazzjonali fl-istat ta' oriġini tal-korporazzjonijiet transnazzjonali; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiġu definiti obbligi ċari għat-TNCs fir-rigward tal-qerda tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat mill-ktajjen tal-provvista u l-operazzjonijiet tagħhom;

10. Jissottolinja li dan it-tip ta' strument legalment vinkolanti, maħsub biex jipproteġi b'mod effettiv lill-vittmi u jiggarantixxi l-aċċess għall-ġustizzja, irid jinkludi, fost affarijiet oħra, kunsens liberu, minn qabel u infurmat għal attivitajiet żviluppati f'territorji indiġeni, konsultazzjoni sinifikanti mal-individwi u l-komunitajiet affettwati u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-attivitajiet tat-TNCs li jistgħu jaffettwaw ħajjithom u l-għajxien tagħhom, id-dritt li jgħidu le, l-inverżjoni tal-oneru tal-provi, il-mekkaniżmi biex tiġi żgurata ġuriżdizzjoni ekstraterritorjali, bħall-ġuriżdizzjoni tan-neċessità (*forum necessitatis*), u l-projbizzjoni fuq ir-rifjut tal-ġuriżdizzjoni (*forum non conveniens*), l-obbligi ta' kooperazzjoni internazzjonali biex jiġu infurzati sentenzi barranin, id-dritt għall-informazzjoni u d-dritt għal riparazzjoni sħiħa; jenfasizza li d-dritt għal riparazzjoni sħiħa jirreferi kemm għall-proċess li jipprovdi rimedju lill-vittmi, lill-familji tagħhom jew lill-komunitajiet affettwati għal ksur negattiv tad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol jew ambjentali mġarrba kif ukoll għall-eżiti sostantivi li jistgħu jikkontrobattu, jew jagħmlu tajjeb għall-impatt negattiv tal-ksur; jenfasizza li l-kumpens irid ikun adegwat, effettiv, fil-pront u għandu jkun proporzjonali għall-gravità tal-ksur u d-dannu mġarrab, u għandu fil-każijiet kollha jiġi adattat għall-kuntest u l-kundizzjoni speċifiċi tad-detentur tad-drittijiet;

11. Jemmen li l-ftehim, billi jistabbilixxi obbligi ta' diliġenza dovuta relatati mad-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u l-klima globalment, isaħħaħ l-effettività globali tad-direttiva li jmiss tal-UE dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva (CSDDD) u joħloq standards għoljin simili madwar id-dinja; jissottolinja, f'dan ir-rigward, li l-proposta CSDDD għandu jkollha approċċ aktar komprensiv u inklużiv; huwa konvint, barra minn hekk, li t-trattat tan-NU jista' joħloq dispożizzjonijiet importanti għat-titjib tal-protezzjoni legali tal-persuni affettwati, u b'hekk tissaħħaħ id-direttiva tal-UE;

12. Jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-gruppi, tal-organizzazzjonijiet u tal-attivisti tat-trade unions u l-importanza li fit-trattat jiġi inkluż b'mod espliċitu r-rikonoxximent tad-dritt li jiġu difiżi d-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u tal-ħaddiema billi jiġu referenzjati b'mod espliċitu d-drittijiet tad-difensuri li għandhom jiġu protetti u li jkunu ħielsa minn intimidazzjoni u rappreżalji;

13. Ifakkar li l-promozzjoni ta' objettivi ta' xogħol deċenti, bħall-imġiba sostenibbli fin-negozju, id-djalogu soċjali, il-libertà ta' assoċjazzjoni, in-negozjar kollettiv u l-protezzjoni soċjali, hija imperattiva għall-qerda tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

14. Ifakkar li d-diliġenza dovuta hija komponent ewlieni tat-tieni pilastru tal-UNGPs dwar ir-responsabbiltà korporattiva u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li prattiki effettivi ta' diliġenza dovuta jistgħu jgħinu wkoll biex jissaħħaħ l-aċċess għal rimedju; jinnota li l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta ma għandhiex teżenta awtomatikament lit-TNCs mir-responsabbiltà tagħhom.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 10<br>–: 8<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Dominique Bilde, Catherine Chabaud, Antoni Comín i Oliveres, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Karsten Lucke, Eleni Stavrou, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Ilan De Basso, Marlene Mortler, Caroline Roose, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Karolin Braunsberger-Reinhold |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 10 | + |
|---|---|
| NI | Antoni Comín i Oliveres |
| Renew | Barry Andrews, Catherine Chabaud |
| S&D | Ilan De Basso, Mónica Silvana González, Karsten Lucke, Carlos Zorrinho |
| The Left | Miguel Urbán Crespo |
| Verts/ALE | Pierrette Herzberger-Fofana, Caroline Roose |

| 8 | - |
|---|---|
| ECR | Beata Kempa |
| ID | Dominique Bilde |
| PPE | Karolin Braunsberger-Reinhold, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Marlene Mortler, Eleni Stavrou, Tomas Tobé |

| 0 | 0 |
|---|---|
| - | - |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.11.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 46<br>–: 3<br>0: 7 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Michael Gahler, Kinga Gál, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, Jean-Lin Lacapelle, David Lega, Pedro Marques, David McAllister, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Jordi Solé, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Jakop G. Dalunde, Christophe Grudler, Anja Haga, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtsos, María Soraya Rodríguez Ramos, Mick Wallace, Elena Yoncheva, Milan Zver |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Vladimír Bilčík, Clare Daly, Mónica Silvana González, Kostas Papadakis, Miguel Urbán Crespo |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 46 | + |
|---|---|
| ECR | Anna Fotyga, Dominik Tarczyński, Witold Jan Waszczykowski |
| NI | Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Anja Haga, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Željana Zovko, Milan Zver |
| Renew | Petras Auštrevičius, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Bernard Guetta, Georgios Kyrtsos, María Soraya Rodríguez Ramos, Salima Yenbou |
| S&D | Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Mónica Silvana González, Pedro Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Elena Yoncheva |
| Verts/ALE | Jakop G. Dalunde, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz |

| 3 | - |
|---|---|
| ECR | Hermann Tertsch, Charlie Weimers |
| ID | Bernhard Zimniok |

| 7 | 0 |
|---|---|
| ID | Jean-Lin Lacapelle |
| NI | Kinga Gál, Kostas Papadakis |
| PPE | David Lega |
| The Left | Clare Daly, Miguel Urbán Crespo, Mick Wallace |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni